MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 184/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Raymond Gili**

**Illum 11 ta' Jannar, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 t'Awissu, 2008 u 26 ta' Settembru, 2008, naqas li jaghti lil martu dik is-somma ffissata mill-Qorti ta' 209 Euros, skond kuntratt mahrug minn Nutar Dr. Margaret Heywood datat 17 ta' Jannar, 2002.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu w tilliberah minn kull piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-appellant hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu li huwa naqas milli jaghti l-manteniment ghax-xhur ta' Lulju u Awissu 2008 skond kif dekretat mill-Qorti tal-Familja w skond kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Margaret Heywood. Il-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 bl-ebda mod ma rissusti peress illi l-appellant ma kienx f'pozizzjoni li jonora l-obbligu tieghu skond id-digriet tal-Qorti tal-Familja w skond il-kuntratt ta' separazzjoni peress li ma kienx hemm certezza lil min ghandu jhallas dan il-manteniment dovut lit-tfal jekk hux lill-haddiema socjali ta' l-agenzjia Appogg jew lil martu. Infatti kien hemm din l-incertezza peress li kienu ghaddejjin diskuzzjonijiet mal-Bord Konsultattiv dwar Tfal u Zghazagh.
2. Illi l-piena mposta fuq l-appellant ta' gimgha detenzjoni hija eccessiva tenut kont ukoll tal-fatt li l-appellant dejjem kien ihallas il-manteniment dovut qabel ma nhareg il-"care order" dwar it-tfal minuri mill-Ministeru ghall-Politika Socjali. Illi tenut kont ta' din ic-cirkostanzi w tal-fatt li kien hemm dik l-incertezza dwar lil min ghandu jhallas il-manteniment il-piena kienet wahda eccessiva w ghaldaqstant ghandha tinbidel b'piena aktar idonea.

Ikkonsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Raymond Gili w martu Sandra Gili huma legalment separati permezz ta' kuntratt

in atti Nutar Dr. Margaret Haywood tas-17 ta' Jannar 2002.

Dan il-kuntratt irregola r-relazzjonijiet personali kif ukoll patrimonjali bejn il-partijiet fosthom l-ammont ta' manteniment illi l-appellant ghandu jaghti lill-martu ghall-uliedu minuri. Jidher illi kien hemm xi problemi bejn il-partijiet dwar kif u fejn kellu jithallas dan il-manteniment u peress illi l-mara u parti civili Sandra Gili tghid ma rrcevietx il-manteniment tal-ulied ghall-perjodu bejn is-26 ta' Awissu 2008 u s-26 ta' Settembru 2008 u ghamlet rapport lill-Pulizija li sstitwew proceduri kriminali kontra l-appellant illi gew decizi kontra tieghu fit-18 ta' Mejju, 2009 fejn il-Qorti sabitu hati w ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Minn din is-sentenza l-appellant qieghed jinterponi appell peress illi deherlu illi huwa onora l-obbligi tieghu skond id-digriet tal-Qorti tal-Familja kif ukoll skond il-kuntratt tas-separazzjoni personali w hallas il-flus lill-Agenzija Appogg illi kienet inkarigata, tissorvelja dan il-manteniment u tara illi jmorru ghall-interess tal-minuri w mhux tal-omm.

Xehedu f'din il-kawza Sandra Gili, l-appellant u Ann Cachia ghan-nom tas-Sedqa.

Filwaqt illi Sandra Gili qalet illi hija baqghet ma rrcevietx l-ammont ta' €209 illi kienet intitulata ghalihom mill-Agenzija Appogg, l-appellant jghid illi huwa ghadda dawn il-flus lill-Agenzija biex jigu amministrati minnha.

Ann Cachia ghan-nom tal-Agenzija Appogg xehdet illi kienet taf li l-omm Sandra Gili kellha xi djun u minhabba dawn u l-"life style" taghha l-Agenzija kienet irrakkomandat illi huma jircievu l-flus minn ghand ir-ragel u jamministrawhom huma fl-ahjar interess tal-minuri. Ghamlu arrangament ma' Sandra Gili illi l-flus jithallsu kontra ircevuti illi tipprezentalhom.

Permezz ta' ittra datata 30 ta' Novembru 2009 l-Agenzija ddikjarat illi l-appellant hallas il-manteniment biex ikopri l-

perjodu mill-Lulju 2008 sa Awissu 2009. Din l-ittra mhiex ikkontestata la mill-appellant u lanqas minn Sandra Gili.

Ikkonsidrat :

Huwa principju assudat fil-gurisprudenza taghna illi d-digrieti tal-Qorti inkluzi dawk tas-Sekond'Awla jridu jigu osservati w, salv l-effetti ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet l-ordnijiet jibqghu validi sakemm ma jigux esspressament revokati jew altimenti mibdula jew mill-istess Sekond'Awla jew mill-Prim'Awla [ara Pulizija vs Lawrence Cilia App. Krim. 10-031995].

Kwindi d-digriet tat-18 ta' Marzu 2009 li jirregola l-manteniment bejn il-partijiet kellu jigi osservat sakemm gie mibdul minn digriet iehor. Fil-fatt hekk gara w b'digriet tat-13 ta' Mejju, 2009 il-Prim'Awla Sezzjoni tal-Familja ordnat li ***"l-manteniment dovut mir-rikorrenti ghat-tfal Svetlana w Yanika jigi mghoddi lill-Agenzija Appogg b'effett mill-Lulju 2008 ......."***

Fil-fatt irrizulta illi l-appellant osserva dan id-digriet kif ahjar tixhed l-ittra tat-30 ta' Novembru 2009 fuq imsemmija.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif l-akkuza fil-konfront tal-appellant setghet tissustissi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirrevoka, thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Mejju 2009, tiddikjara l-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------